



**DEĊIŻJONI TAL-BORD TAL-AMMINISTRAZZJONI TAĊ-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA LI
TADOTTA L-ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĖIT 2019 – CT/CA-010/2018/01MT**

IL-BORD TAL-AMMINISTRAZZJONI TAĊ-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jstabilixxi Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Entitajiet tal-Unjoni Ewropea ('iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni'), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tat-2 ta' Jannar 2014 applikabbli għaċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (Ref. CT/CA-051/2013),

Billi:

(1) Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jadotta l-baġit taċ-Ċentru abbażi tal-abbozz imħejji mid-Direttur;

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-abbozz preliminari tal-baġit 2019 taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni, kif anness għal din id-deċiżjoni, huwa b'dan adottat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 21 ta' Marzu 2018.

Għall-bord tal-amministrazzjoni.


R. Martikonis

President

Anness: Abbozz preliminari tal-baġit 2019



ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĠIT 2019

CT/CA-010/2018/01MT

WERREJ

I. INTRODUZZJONI

- A. INTRODUZZJONI ĠENERALI
- B. DĦUL
- C. INFIQ
- D. ATTIVITAJIET

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – ҒARSA ĠENERALI

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAL-INFIQ – DETTALJI

ANNES 1 – PJAN TA' STABILIMENT

I. INTRODUZZJONI

A. INTRODUZZJONI ĠENERALI

L-abbozz preliminari tal-baġit 2019 jinkludi:

- A. Din l-introduzzjoni ġenerali;
- B. Id-dħul taċ-Ċentru kif stabbilit fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003, li jinkludi l-pagamenti magħmula mill-korpi li jaħdem għalihom iċ-Ċentru, u mill-istituzzjonijiet u l-korpi li magħhom intlaħaq qbil dwar kollaborazzjoni tax-xogħol imwettaq minnu, inkluż attivitajiet interistituzzjonali.
- C. Tqassim tal-infiq taċ-Ċentru skont it-titolu; u
- D. Tqassim tal-infiq taċ-Ċentru skont l-attività. Din il-parti turi r-rabta bejn il-baġit għall-2019 u l-programm ta' ħidma għall-2019 billi tidentifika r-riżorsi allokatu għal kull attività biex jintlaħqu l-oġettivi strateġiċi taċ-Ċentru. Din tindirizza wkoll l-istruttura konvenzjonali tal-baġit.

L-abbozz preliminari tal-baġit 2019 jirrifletti l-estimi tad-dħul u tal-infiq, kif inklużi fl-abbozz ta' dokument ta' programmar taċ-Ċentru 2019-2021 (Ref. CT/CA-001/2018/01). Tħejja f'konformità mal-Artikoli 35-37 tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru. Sabiex iħejji l-abbozz preliminari tal-baġit 2019, iċ-Ċentru wettaq analiżi tal-infiq previst tiegħu u kiseb il-previżjonijiet tal-klijenti.

Filwaqt li l-abbozz preliminari tal-baġit 2019 tħejja abbażi tal-prezzijiet applikabbli fl-2018, hija meħtieġa żieda fil-prezzijiet mill-1 ta' Jannar 2019 sabiex iċ-Ċentru jkun jista' jkompli jibbilanċja l-baġit tiegħu. L-abbozz tal-baġit 2019 ser jiħejja abbażi taż-żieda fil-prezzijiet applikabbli fl-2019, soġġett għall-approvazzjoni tal-istruttura emendata tal-prezzijiet mill-bord tal-amministrazzjoni.

Prezzijiet applikabbli fl-2018:

Servizz ipprovdut	Normali (EUR)	Skedati/Bil-mod (EUR)	Urġenti (EUR)	Urġenti ħafna (EUR)
Traduzzjoni (prezz għal kull paġna)	82.00	73.80	102.50	147.60
Modifika (prezz għal kull paġna)	172.00	154.80	215.00	
Reviżjoni (prezz għal kull paġna)	60.00	54.00	75.00	
Editjar (prezz għal kull paġna)	39.00	35.10	43.90	
Trademarks (prezz għal kull paġna)		EUR 35.35 għal 419 282 paġna		
Disinji Komunitarji (prezz għal kull terminu)		EUR 4.00		
Listi ta' termini (prezz għal kull terminu)		EUR 4.00		
Reviżjoni ta' listi ta' termini (prezz għal kull terminu)		EUR 2.50		
Terminoloġija (prezz għal kull persuna/jum)		EUR 900		
Konsultazzjoni lingwistika (prezz għal kull persuna/jum)		EUR 900		
Sottotitolar (prezz għal kull minuta)		EUR 41.00		

Flasijiet addizzjonali applikabli fl-2018:

Tip ta' dokument	EUR
Format kumpless (prezz addizzjonali għal kull paġna u għal kull lingwa fil-mira)	15.00
Format PDF u dokumenti stampati (prezz addizzjonali għal kull paġna tad-dokument sors)	12.00
Dokumenti Klassifikati / Sensittivi mhux klassifikati (prezz addizzjonali għal kull paġna u għal kull lingwa fil-mira)	20.00
Lingwa mhux tal-UE (prezz addizzjonali għal kull paġna u għal kull lingwa fil-mira)	10.00
Upload ta' dokument tal-web (prezz addizzjonali għal kull lingwa fil-mira fil-każ ta' fajls multipli jew għal kull talba fil-każ ta' fajls singoli)	10.00

B. DĦUL

Il-previżjoni tad-dħul totali għall-2019 hija EUR 47.8 miljun, bi EUR 42.6 miljun fit-Titoli 1-4. Id-dħul previst huwa mqassam kif ġej:

Titolu	Dħul (EUR)
1. Aġenziji u korpi	41 273 000
3. Kooperazzjoni interistituzzjonali (Istituzzjonijiet Ewropej)	707 400
4. Dħul ieħor	617 450
5. Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti u trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti	5 238 350

Id-dħul previst taċ-Ċentru huwa bbażat fuq il-previżjonijiet ipprovdu mill-klijenti tiegħu. Għaldaqstant għandu jkun enfasizzat li l-estimi tad-dħul huma soġġetti għal bidla, skont il-ħtiġijiet attwali tal-klijenti u l-baġits tagħhom. Huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat li, meta ppreżentaw il-previżjonijiet tagħhom liċ-Ċentru, jidher li l-klijenti kollha jista' jkun li ma kkunsidrawx l-impatt tal-iffrankar potenzjali bħala riżultat tal-istruttura tal-prezzijiet introdotta għat-traduzzjoni ta' dokumenti f'Jannar 2017. L-istruttura tal-prezzijiet wasslet biex il-klijenti jiksbu iktar iffrankar sinifikanti minn dak stmat oriġinarjament (fl-2017 il-klijenti kisbu iffrankar medju ta' 15.9 % meta mqabbel ma' 9.5 % previst oriġinarjament). Dan għandu implikazzjonijiet fir-rigward tal-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet' (abbażi tad-dħul u tal-infiq previst, l-ammont totali li jibqa' fil-fond ta' riżerva huwa stmat għal EUR 237 417 fit-tmiem tal-2019) u l-ħtieġa konsegwenzjali li jiżdiedu l-prezzijiet mill-1 ta' Jannar 2019 biex iċ-Ċentru jkun jista' jkompli jibbilanċja l-baġit tiegħu.

Skont l-informazzjoni mogħtija mill-klijenti, id-dħul previst għall-2019 fit-Titolu 1 huwa EUR 41.3 miljun meta mqabbel ma' EUR 42.4 miljun fil-baġit 2018 (-2.8 %). Id-dħul previst għall-2019 huwa EUR 1.3 miljun inqas (-3.1 %) mid-dħul reali ta' EUR 42.6 miljun riċevuti mill-klijenti fl-2017.


L-akbar klijent taċ-Ċentru, l-EUIPO (l-'Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea'), ippreveda tnaqqis fid-dħul ta' EUR 485 500 (-3.2 %) għat-traduzzjoni ta' trademarks tal-UE fl-2019 (Partita 1006) meta mqabbel mal-baġit 2018. Id-dħul previst għall-2019 huwa EUR 780 913 inqas (-5 %) mid-dħul reali riċevut għat-traduzzjoni ta' trademarks tal-UE fl-2017. Barra minn hekk, id-dħul previst tal-EUIPO għal servizzi oħra naqas bi 15.6 %, jiġifieri minn EUR 7.6 miljun fil-baġit 2018 għal EUR 6.4 miljun fl-2019 (Partita 1005), għalkemm dan huwa 33.1 % oġhla (EUR 1.59 miljun) mid-dħul riċevut għal servizzi oħra

fl-2017. Il-previżjoni ġenerali tagħhom għall-2019 hija 4 % ogħla (EUR 812 076) mid-dħul totali riċevut mill-EUIPO fl-2017.

Bidliet sinifikanti oħra li jistgħu jiġu nnotati meta mqabbla mal-baġit 2018 huma tnaqqis fil-previżjonijiet mill-EFCA (l-'Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd') b'59.9 % (EUR -243 800), mill-EBA (l-'Awtorità Bankarja Ewropea') bi 18 % (EUR -138 000) u l-Kummissjoni Ewropea (DG EMPL u DG JUST) bi 8.8 % (EUR -114 500). Meta mqabbel mal-baġit 2018, l-EMA (l-'Aġenzija Ewropea għall-Mediċini') żiedet il-previżjonijiet tagħha b'16 % (EUR 501 000), l-EASO (l-'Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil') b'27 % (EUR 496 400) u eu-LISA (l-'Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja') bi 13.8 % (EUR 113 400). Aktar informazzjoni dettaljata dwar il-previżjonijiet tal-klijenti u l-volumi tat-traduzzjoni hija pprovduta fit-Sezzjoni D, 'Attivitajiet', u l-Parti III, "Dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq - Detallji".

Id-dħul fit-Titolu 3 jikkorrispondi għad-dħul li jirċievi ċ-Ċentru fil-kapaċità tiegħu bħala amministratur tal-bażi ta' data IATE (Terminoloġija Interattiva għall-Ewropa). L-infiq taċ-Ċentru għall-IATE qiegħed imniżżel fil-Kapitolu 31 'Infiq'.

Figura 1. Id-dħul imqassam skont it-titolu* u s-sena: 2017-2019 (Titoli 1, 3 u 4)



* Mill-2017, id-dħul taħt it-Titolu 1 jinkludi d-dħul previst mill-klijenti kollha, inklużi l-istituzzjonijiet tal-UE, għall-forniment ta' servizzi lingwistiċi.

Minbarra d-dħul mill-klijenti u l-kooperazzjoni interistituzzjonali, iċ-Ċentru jipprevedi dħul ieħor fit-Titolu 4, li jikkonsisti prinċipalment minn imgħax bankarju, dħul mis-sullokazzjoni ta' parti mill-ispazju tal-uffiċċji mikrija tiegħu lill-Kummissjoni (l-'Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel') (Chafea), dħul mill-ospitar ta' servizzi ta' ċentru tad-data lill-ERA (l-'Aġenzija Ferrovjarja Ewropea') u kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Lussemburgu għall-ħlasijiet tal-kiri tal-uffiċċji taċ-Ċentru. Il-previżjoni għal dan id-dħul fl-2019 hija EUR 617 450 li hija 15.4 % iktar baxx mill-baġit 2018 u 28.5 % ogħla mill-eżitu tal-2017.

Mill-Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet' iċ-Ċentru ttrasferixxa EUR 5 238 350 għad-dħul sabiex jibbilanċja l-abbozz preliminari tal-baġit 2019, b'hekk tħalla bilanċ stmat ta' EUR 237 417 fil-fond ta' riżerva fit-tmiem tal-2019.


C. INFIQ

L-infiq previst taċ-Ċentru għall-2019 huwa EUR 47.8 miljun. Fit-Titoli 1-3, il-baġit 2019 tnaqqas b'1.3 % meta mqabbel mal-baġit 2018 għalkemm huwa 3.9 % oġhla mill-eżitu għall-2017. Din iż-żieda mill-2017 sal-2019 hija minħabba l-aġġustamenti previsti fis-salarji fl-2018 u fl-2019 kif ukoll infiq ieħor li huwa soġġett ukoll għal indiċjar li aktarx iwassal għal infiq oġhla fl-2019. L-infiq previst huwa mqassam kif ġej:

Titolu	Infiq (EUR)
1. Persunal	27 311 800
2. Bini, tagħmir u nfiq operattiv mixxellanju	6 967 700
3. Infiq Operattiv	13 556 700
10. Fondi ta' Riżerva	p.m.

Sabiex jirrispondi għat-tnaqqis fid-dħul previst, iċ-Ċentru ħa diversi miżuri biex inaqqas l-infiq baġitarju. L-azzjoni ewlenija kienet li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-maġġoranza tal-partiti baġitarji biex ikun kopert biss dak li mistenni jkun meħtieġ. Dan ifisser li iċ-Ċentru naqqas il-marġni tiegħu għal minimu f'linji baġitarji ewlenin li jfisser li l-flessibbiltà tiegħu tnaqqset b'mod sever. Indiċjar oġhla tas-salarji, żidiet fil-prezzijiet għas-servizzi tal-Kummissjoni, jew spejjeż oġhla minn dak previst għall-esternalizzazzjoni tat-traduzzjoni jistgħu għaldaqstant iwasslu għal riprijoritizzazzjonijiet fil-baġit taċ-Ċentru. Dan kollu jfisser li iċ-Ċentru jrid jagħmel iktar b'inqas rizersi. Il-miżuri ntgħażlu sabiex l-impatt previst fuq il-klijenti jkun minimu. Farsa ġenerali lejn l-infiq skont it-titolu, inkluż tqabbil mal-baġit 2018 u l-eżitu għall-2017, hija ppreżentata fit-tabella ta' hawn taħt.

Figura 2. Id-dħul imqassam skont it-titolu u s-sena: 2017-2019 (Titoli 1, 2, 3 u 10)*



*Titolu 1: 'Persunal'; Titolu 2: 'Bini, tagħmir u nfiq operattiv mixxellanju'; Titolu 3: 'Nfiq operattiv'; u Titolu 10: 'Fondi ta' Riżerva'. Il-baġit għat-Titolu 10 fl-2018 u fl-2019 huwa pro memoria (p.m.), u jintwera bħala '0' fl-2017.

Titolu 1: PERSUNAL

Il-baġit għat-Titolu 1 fl-2019 jilħaq EUR 27.3 miljun, 2.1 % oġhla mill-baġit 2018, jiġifieri żieda ta' EUR 560 000. Il-baġit taç-Ċentru jipprevedi aġġustamenti potenzjali tas-salarji annwali, stmati għal 1.8 % fis-sena, kif ukoll avvanzi fil-grad biennali u promozzjonijiet. Il-baġit huwa bbażat fuq il-Pjan ta' Stabbiliment ta' 193 impjeg li baqa' fl-istess livell ta' dak approvat mill-Awtorità Baġitarja għall-2018. Il-baġit jikkunsidra wkoll fatturi bħall-proporzjon ta' fatturat u x-xejriet tax-xogħol tal-persunal. Dan kollu jwassal għal żieda ta' 1.8 % (EUR 365 800) fl-Artikolu 110, "Persunal f'impjeg attiv" filwaqt li l-baġit għal persunal kuntrattwali (Partita 1115) żdied bi 2.2 % fl-2019 meta mqabbel mal-baġit 2018.

Titolu 2: BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV MIXXELLANJU

Il-baġit għal Titolu 2, 'Bini, tagħmir u nfiq operattiv mixxellanju', jilħaq EUR 7 miljun fl-2019. Dan naqas b'1.5 % meta mqabbel mal-baġit 2018. B'segwitu tas-saldu tal-ħlasijiet fuq is-servizzi riċevuti fl-2017 għall-perjodu 2013-2016, il-previżjonijiet għall-ħlasijiet fuq is-servizzi għall-bini li fih jinsabu l-uffiċini taç-Ċentru ġew imnaqqsa għas-snin sussegwenti. Il-ftehim il-ġdid dwar il-kera, iffirmit fl-2017 mas-sid tal-bini, ma jistipula l-ebda indicijar tal-kera għall-ewwel sena tal-ftehim il-ġdid (Settembru 2017 - Awwissu 2018) li għandu impatt konsegwenzjali għas-snin sussegwenti.

Iç-Ċentru jirċievi kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Lussemburgu fir-rigward tal-ispejjeż tal-kiri tal-uffiċċji. Din il-kontribuzzjoni finanzjarja hija rreġistrata bħala dħul u ma taffettwax l-infiq fit-Titolu 2. Għandu jkun ukoll enfazzat li l-infiq fit-Titolu 2 jinkludi l-infiq għall-ospitar ta' ċentru ta' data għal ERA ('Aġenzija Ferrovjarja Ewropea') u għas-sullokazzjoni tal-ispazju tal-uffiċċji lil Chafea. F'konformità mal-prinċipju tal-universalità, id-dħul riċevut minn ERA u Chafea hu rreġistrat bħala dħul, bil-kontra ta' tpaċija tal-infiq.

Titolu 3: INFIQ OPERATTIV

Il-baġit għal Titolu 3, 'Infiq Operattiv', ikopri l-esternalizzazzjoni tas-servizzi tat-traduzzjoni, is-servizzi tekniċi relatati mas-servizzi lingwistiċi, il-kooperazzjoni interistituzzjonali, u l-programm eCdT. Dan se jlaħħaq EUR 13.6 miljun fl-2019 u tnaqqas b'7.5 % meta mqabbel mal-baġit 2018. Dan huwa EUR 1.9 miljun iktar baxx mill-eżitu tal-2017.

Il-baġit għal servizzi ta' traduzzjoni esterna jikkostitwixxi l-parti ewlenija tal-baġit tat-titolu, jiġifieri 94 % fl-2019. L-ispiża reali ta' dawn is-servizzi tiddependi minn numru ta' fatturi, bħall-bidliet fil-klassifikazzjoni tal-fornituri skont il-kuntratti qafas eżistenti u l-prezz maqbula skont kuntratti qafas futuri li jiddependu wkoll mill-iżviluppi ekonomiċi fl-Istati Membri. Il-baġit għall-2019 huwa EUR 12.8 miljun li huwa konformi mal-volumi previsti kif ukoll mal-aspettattiva taç-Ċentru li l-investment fit-teknoloġiji tat-traduzzjoni ser ikollu impatt pożittiv fuq l-infiq għas-servizzi esterni tat-traduzzjoni. Jidher ċar li, l-infiq reali ser jiddependi mid-domanda reali mill-klijenti taç-Ċentru u l-impatt potenzjali tat-teknoloġiji tat-traduzzjoni fuq il-kuntratti qafas ġodda fil-futur.

Il-kapitolu 31 jinkludi l-infiq taç-Ċentru għall-ġestjoni tal-bażi ta' data tal-IATE kif ukoll il-kontribuzzjoni taç-Ċentru għal għodod oħra interistituzzjonali ġestiti mill-Kummissjoni. L-ispejjeż għal dawn l-għodod jiddependu mill-ftehimiet finanzjarji annwali bejn il-partijiet li jaġixxu fil-qafas tal-Kumitat Eżekuttiv għat-Traduzzjoni tal-Kumitat Interistituzzjonali għat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni (ICTI).

D. ATTIVITAJIET

L-attivitajiet taċ-Ċentru huma definiti taħt tliet oqsma ta' attività fil-baġit tal-2019, kif stabbilit fid-dokument ta' programmar taċ-Ċentru 2019-2021: 1) Attivitajiet operattivi ewlenin; 2) Attivitajiet ta' sostenn; u 3) Attivitajiet ta' ġestjoni u ta' superviżjoni. Ir-raba' qasam tal-esternalizzazzjoni u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni li kien jeżisti preċedentement, li kien jinkludi azzjonijiet orjentati lejn il-klijent, issa jifforma parti mill-attivitajiet ta' ġestjoni u ta' superviżjoni.

Ir-riżorsi umani u finanzjarji għall-2019 huma allokatati għat-tliet oqsma ta' attività, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt. Ir-riżorsi finanzjarji inklużi fit-Titoli 1 u 2 huma jew allokatati direttament għal attività, jew indirettament abbażi tar-riżorsi umani użati għal kull attività. Ir-riżorsi finanzjarji fit-Titolu 3 huma direttament allokatati għall-attivitajiet korrispondenti. Il-kalkolu jikkunsidra d-distribuzzjoni tat-tipi differenti ta' karigi, il-gradji differenti u l-ispejjeż tas-salarji. Id-dettalji huma stabbiliti fl-abbozz ta' dokument ta' programmar taċ-Ċentru 2019-2021 (Ref.CT/CA-001/2018/01).

	% tar-riżorsi umani (persunal)	% tar-riżorsi finanzjarji	Riżorsi finanzjarji
Attivitajiet operattivi prinċipali	67.3 %	77.5 %	37 076 809
Attivitajiet ta' sostenn	22.2%	13.3%	6 379 276
Attivitajiet ta' ġestjoni u ta' superviżjoni	10.5%	9.2%	4 380 115
Approprjazzjonijiet fit-Titolu 10: 'Fondi ta' Riżerva', mhux allokatati għal attività	0%	0%	0
Total:	100%	100%	47 836 200

It-tabella ta' hawn taħt turi n-numru totali ta' paġni, termini u d-dħul previst għall-2019, imqabbel mal-baġit 2018. It-tabella turi l-previżjonijiet ipprovduti mill-klijenti li jistgħu jkunu qiesu l-impatt ta' ffrankar potenzjali li jirriżulta mill-istruttura tal-prezzijiet għat-traduzzjoni ta' dokumenti, jew le. Aktar informazzjoni dettaljata dwar il-previżjonijiet tal-klijenti u l-volumi tat-traduzzjoni hija pprovduta f'Parti III, 'Dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq - Dettalji'.

	Abbozz preliminari tal-baġit 2019	Baġit 2018	Tqabbil
Numru totali ta' paġni ta' trademarks tal-UE previst	419 282	441 350	-5.0 %
Numru totali ta' paġni ta' dokumenti previst	310 792	322 973	-3.8 %
Numru totali ta' termini previst	176 913	184 070	-3.9 %
Dħul totali previst mis-servizzi tat-traduzzjoni kollha	41 273 000	42 442 400	-2.8 %

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – HARSJA ĠENERALI

Titolu	Intestatura	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018	Sena finanzjarja 2017
	DĦUL			
1	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĊJI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI (*)	41 273 000	42 442 400	42 598 418
2	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	p.m.	0
3	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	707 400	778 000	807 354
4	DĦUL IEĦOR	617 450	729 550	480 583
5	EĊĊESS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	5 238 350	4 526 850	
	Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet			
	Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni	5 238 350 p.m.	4 166 850 360 000	0
6	RIFUŻJONIJIET	p.m.	p.m.	0
	TOTAL	47 836 200	48 476 800	43 886 356
	INFIQ			
1	PERSUNAL	27 311 800	26 751 800	24 730 422
2	BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV MIXXELLANJU	6 967 700	7 071 900	5 874 482
3	INFIQ OPERATTIV	13 556 700	14 653 100	15 424 477
10	FONDI TA' RIŻERVA	p.m.	p.m.	0
	TOTAL	47 836 200	48 476 800	46 029 381

* Mill-2017, id-dħul taħt it-Titolu 1 jinkludi d-dħul previst mill-klijenti kollha, inklużi l-istituzzjonijiet tal-UE, għall-forniment ta' servizzi lingwistiċi.

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAL-INFIQ 2019 – DETTALJI

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-baġit 2019	Baġit 2018	Eżitu 2017	Rimarki
DĦUL					
1000	Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)	181 300	181 300	232 338	2,062 paġna
1001	Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)	62 500	62 500	97 472	762 paġna
1002	Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCCDA)	360 000	365 900	323 818	4 390 paġna
1003	Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)	3 638 000	3 137 000	3 272 564	Dokumenti: 37 090 paġni; Listi ta' termini: 352 terminu
1004	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)	730 000	700 000	750 942	8 903 paġni
1005	Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)	6 411 000	7 592 200	4 818 011	Dokumenti: 58 873 paġna; Listi ta' termini: 137 841 terminu; Disinji komunitarji: 12 000 terminu; Editjar 16 874 paġna
1006	Trademarks tal-EUIPO	14 824 200	15 309 700	15 605 113	419 282 paġna
1007	Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)	100 000	100 000	55 443	1 220 paġna
1008	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)	43 300	43 300	81 095	528 paġna
1009	Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Fajja u tax-Xogħol (Eurofound)	302 300	302 300	329 418	3 686 paġna
100	Artikolu 100	26 652 600	27 794 200	25 566 214	
1010	Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)	44 000	60 300	17 538	536 paġna
1012	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)	1 000 000	1 008 900	1 005 164	12 195 paġna
1014	Bank Ewropew tal-Investment (BEI)	p.m.	p.m.	1 230	
1015	Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)	193 800	247 400	248 255	2 055 paġna
1016	Unità Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja (Eurojust)	p.m.	p.m.		
1017	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)	124 700	124 700	102 874	1 521 paġna

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-baġit 2019	Baġit 2018	Eżitu 2017	Rimarki
1018	Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA)	66 000	176 000	81 680	805 paġni
1019	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA)	900 000	900 000	715 726	10 976 paġna
101	Artikolu 101	2 328 500	2 517 300	2 172 467	
1020	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netzwerks u l-Infommazzjoni (ENISA)	60 000	80 000	12 027	732 paġna
1021	Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)	319 400	306 000	396 360	3 599 paġna
1022	Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)	330 000	315 600	330 387	4 024 paġna
1023	Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviv u l-Kultura (EACEA)	821 300	826 200	549 319	9 931 paġna
1024	Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME)	13 600	13 600	1 624	166 paġna
1025	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)	34 900	53 200	10 439	340 paġna
1026	Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Aġrikoltura u l-Ikel (Chafea)	365 900	265 100	362 887	3 430 paġna
1027	Aġenzija Ewropea tas-Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GSA)	15 100	11 300	4 084	184 paġna
1028	Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA)	10 000	10 000	5 550	122 paġna
1029	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)	1 267 700	1 304 600	3 091 382	14 790 paġna
102	Artikolu 102	3 237 900	3 185 600	4 764 058	
1030	Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)	163 400	407 200	242 659	1 991 paġna
1031	Impriża Konġunta tal-Enerġija għall-Fużjoni (F4E JU)	46 600	46 600	25 165	568 paġna
1032	Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SatCen)	p.m.	p.m.		
1033	Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netzwerks (INEA)	26 000	26 000	38 390	317-il paġna

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-baġit 2019	Baġit 2018	Eżitu 2017	Rimarki
1034	Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)	110 000	110 200	17 555	1 342 paġna
1035	Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERCEA)	58 700	57 400	17 542	685 paġna
1036	Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA)	38 100	37 400	246	465 paġna
1037	Impriża Konġunta Clean Sky 2 (Clean Sky 2 JU)	p.m.	p.m.	1 886	
1038	Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)	133 000	140 200	447 369	1 564 paġna
1039	Impriża Konġunta SESAR (SJU)	43 700	43 700	21 976	533 paġna
103	Artikolu 103	619 500	868 700	812 786	
1040	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data qabel l-2017 (KEPD)	—	—	—	Din il-partita tal-baġit ilha ma tintuża mill-2016. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE qed jiġi rreġistrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-KEPD qed jiġi rreġistrat fil-Partita 1109.
1041	Impriża Konġunta għall-implimentazzjoni ta' Inizjattiva ta' Teknoloġija Konġunta f'Sistemi tal-Kompjuter Inkorporat (ARTEMIS)	—	—	—	Din il-partita tal-baġit ilha ma tintuża mill-2015, wara l-ħolqien tal-impriża konġunta ECSEL JU, li għaliha d-dħul qed jiġi rreġistrat fil-partita tal-baġit 1052.
1042	Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (IMI2 JU)	26 000	26 000	2 435	317-il paġna
1043	Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (FCH2 JU)	9 200	9 200	451	112-il paġna
1044	L-Inizjattiva Impriża Konġunta tal-Kunsill Konsultattiv Ewropew tan-Nanoelettronika (ENIAC JU)	—	—	—	Din il-partita tal-baġit ilha ma tintuża mill-2015, wara l-ħolqien tal-impriża konġunta ECSEL JU, li għaliha d-dħul qed jiġi rreġistrat fil-partita tal-baġit 1052.
1045	Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO)	2 333 400	1 837 000	4 071 821	27 882 paġna
1046	Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)	192 000	184 300	63 483	2 657 paġna
1047	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)	300 000	280 000	469 340	3 658 paġna
1048	Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)	628 300	766 300	1 451 567	8 514-il paġna
1049	Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)	137 400	137 400	154 171	1 676 paġna
104	Artikolu 104	3 626 300	3 240 200	6 213 269	

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-baġit 2019	Baġit 2018	Eżitu 2017	Rimarki
1050	L-Uffiċċju tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Uffiċċju BEREC)	161 500	120 000	118 043	1 930 paġna
1051	Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)	937 900	824 500	562 690	Dokumenti: 12 358 paġna; Listi ta' termini: 220 terminu
1052	Impriża Konġunta Komponenti Elettroniċi u Sistemi għal Tmexxija Ewropea (ECSEL JU)	3 900	5 900	2 829	48 paġna
1053	Ċentru għall-Analiżi u l-Operazzjonijiet Marittimi (Narkotiċi) (MAOC (N))	p.m.	p.m.	0	
1054	Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)	1 000 000	1 000 000	573 779	12 195 paġna
1055	Skejjel Ewropej	p.m.	p.m.	13 565	Din il-partita tal-baġit hija għall-Uffiċċju tas-Segretarju Ġenerali tal-Iskejjel Ewropej (OSGES) u għall-Iskola Ewropea tal-Lussemburgu II.
1056	Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika (BBI JU)	p.m.	p.m.	0	
1057	Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R JU)	p.m.	p.m.	0	
105	Artikolu 105	2 103 300	1 950 400	1 270 906	
1099	Dħul minn klijenti ġodda	p.m.	p.m.	4 257	Din il-partita tal-baġit hija għad-dħul minn klijenti ġodda qabel il-ħolqien ta' partiti ta' baġit individwali għal klijenti ġodda.
109	Artikolu 109	p.m.	p.m.	4 257	
10	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĊJI U L-KORPI	38 568 100	39 556 400	40 803 957	
1100	Kummissjoni Ewropea	1 183 700	1 298 200	932 246	Dokumenti: 13 442 paġna; Listi ta' termini: 26 500 terminu; Il-volum għad-dokumenti jinkludi l-volum stmat għad-DĠ għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni (DĠ EMPL) u d-DĠ għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi (DĠ JUST).
1101	Parlament Ewropew	p.m.	p.m.	0	
1102	Kunsill tal-Unjoni Ewropea	257 000	276 800	163 588	3 700 paġna
1103	Qorti Ewropea tal-Awdituri	12 300	11 300	25 463	120 paġna
1104	Kumitat Ewropew tar-Reġjuni	p.m.	p.m.	7 557	Din il-partita tal-baġit qabel kienet tissejjaħ il-'Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea.'

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-baġit 2019	Baġit 2018	Eżitu 2017	Rimarki
1105	Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	p.m.	p.m.	4 696	
1106	Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	p.m.	p.m.	66 004	
1107	Bank Ċentrali Ewropew	292 500	349 900	84 199	3 090 paġna
1108	Ombudsman Ewropew	101 100	108 300	209 830	1 370 paġna
1109	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD)	858 300	841 500	300 879	10 467 paġna
110	Artikolu 110	2 704 900	2 886 000	1 794 461	
11	PAGAMENTI MILL-ISTITUZZJONIJIET	2 704 900	2 886 000	1 794 461	
1	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĊJI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI	41 273 000	42 442 400	42 598 418	
2000	Sussidju mill-Kummissjoni	p.m.	p.m.	0	
200	Sussidju mill-Kummissjoni	p.m.	p.m.	0	L-Artikolu 10(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.
20	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	p.m.	0	
2	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	p.m.	0	
3000	Il-Kummissjoni Ewropea qabel l-2017	—	—	—	Din il-partita tal-baġit ilha ma tintuża mill-2016. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha qed jiġi rreġistrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Kummissjoni Ewropea qed jiġi rreġistrat fil-Partita 1100.
3001	Parteċipazzjoni fil-Kumitat Interistituzzjonali għat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni (ICTI)	—	—	—	
3002	Ġestjoni ta' proġetti interistituzzjonali	707 400	778 000	807 354	Din il-partita tkopri dħul riċevut permezz tal-ġestjoni ta' proġetti interistituzzjonali taċ-Ċentru, notevolment il-proġett IATE.
3003	Il-Parlament Ewropew qabel l-2017	—	—	—	Din il-partita tal-baġit ilha ma tintuża mill-2016. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE qed jiġi rreġistrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Parlament Ewropew qed jiġi rreġistrat fil-Partita 1101.

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-baġit 2019	Baġit 2018	Eżitu 2017	Rimarki
3004	Kunsill tal-Unjoni Ewropea qabel l-2017	—	—	—	Din il-partita tal-baġit ilha ma tintuża mill-2016. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE qed jiġi rreġstrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Kunsill qed jiġi rreġstrat fil-Partita 1102.
3005	Qorti Ewropea tal-Awdituri qabel l-2017	—	—	—	Din il-partita tal-baġit ilha ma tintuża mill-2016. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE qed jiġi rreġstrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri qed jiġi rreġstrat fil-Partita 1103.
3006	Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea qabel l-2017	—	—	—	Din il-partita tal-baġit ilha ma tintuża mill-2016. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE qed jiġi rreġstrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Kumitat tar-Reġjuni qed jiġi rreġstrat fil-Partita 1104.
3007	Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew qabel l-2017	—	—	—	Din il-partita tal-baġit ilha ma tintuża mill-2016. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE qed jiġi rreġstrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew qed jiġi rreġstrat fil-Partita 1105.
3008	Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qabel l-2017	—	—	—	Din il-partita tal-baġit ilha ma tintuża mill-2016. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE qed jiġi rreġstrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Qorti tal-Ġustizzja qed jiġi rreġstrat fil-Partita 1106.
300	Kooperazzjoni interistituzzjonali	707 400	778 000	807 354	
3010	Il-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-2017	—	—	—	Din il-partita tal-baġit ilha ma tintuża mill-2016. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE qed jiġi rreġstrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Bank Ċentrali Ewropew qed jiġi rreġstrat fil-Partita 1107.
3011	L-Ombudsman Ewropew qabel l-2017	—	—	—	Din il-partita tal-baġit ilha ma tintuża mill-2016. Mill-2017, id-dħul mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE qed jiġi rreġstrat fil-Kapitolu 11, u d-dħul mill-Ombudsman qed jiġi rreġstrat fil-Partita 1108.
301	Artikolu 301	—	—	—	
30	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	707 400	778 000	807 354	
3	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	707 400	778 000	807 354	
4000	Imgħax bankarju	20 000	55 000	9 202	
400	Imgħax bankarju	20 000	55 000	9 202	Dan l-artikolu jkopri mgħax li ċ-Ċentru jirċievi fil-kontijiet bankarji tiegħu.
4010	Rimborżi mixxellanji	354 200	431 300	228 131	

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-baġit 2019	Baġit 2018	Eżitu 2017	Rimarki
401	Rimborżi mixxellanji	354 200	431 300	228 131	Dan l-artikolu jkopri rimborżi mixxellanji, inkluż d'ihul mis-sullokazzjoni tal-isparju tal-uffiċċji u l-isparju tal-parkeġġ u l-ospitar ta' ċentru tad-data lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji.
4020	Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Lussemburgu	243 250	243 250	243 250	Din il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Lussemburgu hija b'sostenn tal-ħlasijiet ta' kiri annwali taċ-Ċentru.
402	Kontribuzzjonijiet oħra	243 250	243 250	243 250	
40	DĦUL IEĦOR	617 450	729 550	480 583	
4	DĦUL IEĦOR	617 450	729 550	480 583	
5000	Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	p.m.	p.m.	0	Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru tat-2 ta' Jannar 2014.
500	Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	p.m.	p.m.	0	
5010	Trasferiment minn 'Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni'	p.m.	360 000	0	It-trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni' jikkorrispondi għall-infiq fil-Kapitolu 32, 'Infiq relatat mal-programm eCdT'.
5015	Trasferiment minn 'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet'	5 238 350	4 166 850	0	It-trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet' huwa meħtieġ għall-bilanċ tal-baġit.
501	Trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti	5 238 350	4 526 850	0	
50	EĊĊESS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	5 238 350	4 526 850	0	
5	EĊĊESS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	5 238 350	4 526 850	0	
6000	Rifużjonijiet lill-klijenti	p.m.	p.m.	0	
600	Rifużjonijiet lill-klijenti	p.m.	p.m.	0	
60	RIFUŻJONIJIET LILL-KLIJENTI	p.m.	p.m.	0	
6	RIFUŻJONIJIET	p.m.	p.m.	0	

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal- baġit 2019	Baġit 2018	Eżitu 2017	Rimarki
Dħul totali		47 836 200	48 476 800	43 886 356	
INFIQ					
1100	Salarji bażiċi	16 089 600	15 813 500	14 762 938	Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-impjeg ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea, b' mod partikolari l-Artikoli 62 u 66 tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri s-salarji bażiċi tal-uffiċjali u l-persunal temporanju.
1101	Benefiċċji għall-familja	1 529 900	1 480 400	1 274 737	Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b' mod partikolari l-Artikoli 62, 67 u 68 tagħhom, u s-Sezzjoni I tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-konċessjonijiet tal-familja, tal-ulied dipendenti u tal-edukazzjoni għal uffiċjali u għal persunal temporanju.
1102	Konċessjonijiet ta' espatrijazzjoni u ta' residenza barranija	2 598 800	2 559 300	2 349 039	Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b' mod partikolari l-Artikoli 62 u 69 tagħhom, u l-Artikolu 4 tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-konċessjonijiet ta' espatrijazzjoni u ta' residenza barranija għal uffiċjali u għal persunal temporanju.
1103	Konċessjonijiet segretarjali	22 100	21 400	13 670	Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b' mod partikolari l-Artikolu 18(1) tal-Anness XIII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-konċessjoni segretarjali mħallsa lil uffiċjali u lil persunal temporanju fil-kategorija AST impjegati bħala tajpisti stenografici jew tajpisti, operaturi ta' telex, kompożitur tat-tipi, segretarji eżekuttivi jew segretarji prinċipali, li kienu intitolati jirċevuha qabel l-1 ta' Mejju 2004.
110	Persunal b'impjeg attiv	20 240 400	19 874 600	18 400 384	
1113	Apprendisti	36 500	35 900	18 906	Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri nfiq relatat ma' apprendisti.
1115	Persunal kuntrattwali	1 488 200	1 456 600	1 322 278	Il-Kondizzjonijiet tal-impieg ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea, b' mod partikolari l-Artikolu 3a u t-Titolu IV tagħhom.
